# IN-NAHLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

*Ille tulit punctum qui miscuit utile dulci.*

**Giebha żeuġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.**

IL POETA LATIN ORAZJU.

**4.** **26 TA' SETTEMBRU 1908.** **L-EUUEL SENA**


## BEJN CICCU U COLA

*Ciccu.* Bonġu, Col! X-għandna?

*Cola.* Għacs u dŭejjak. Cicc.

*Ciccu.* M'intix ŭaħdec, tibżax. Da'l mument din hi il marda ta' cullħadd. Jakaŭ kiegħed?

*Cola,* Iva, ili sitt xhur niġri l-haŭn u l-hemm biex insib xi tarf ta' xogħol, iżda, ballec, għal xejn.

*Ciccu.* Kaŭŭi ftit kalbec; nitma li ma jdumx ma jitkankal xi xogħol. Ma semmeux dac ix-xogħol ta 'l Canal m'il Menka għal ta 'l Pietà?

*Cola.* Iva, cont krajt xi ħaġa u cont smajt ħafna għajdud fuk din l-affari, iżda ma nafx meta sejjer jimbeda dana l-imbierec ta' xogħol.

*Ciccu.* Dau'l ġranet kaluli li actarx jibda malli jispiċċa il *Breakwater*; u chiecu il Maltin għamluchif kallom is-Sur Levanzin u marru iffirmaŭ,b-xejn, dic il petizzjoni,chiecu forsi il Gvern x-hin chien jara il poplu jitolbu ix-xogħol, chien iħenn għalih u joħloklu xi teftifa hu ucoll. Iżda sa chemm il Gvern, jara il poplu ġŭejjed, ma għandu l-ebda interess li jitkankal hu. Il proverbju malti jgħid: "Min ma jibchix, ma jardax", u sa chemm il poplu ma jibchix xi ftit, jokgħod sgur li ma jardax. Dana il vizzju ħażin li għandom il Maltin, li jistenneu il bajtra taka f-ħalkhom hemm bżonn jaktgħuh, gaħliex inchella m'hux talli jikkgħu fejn huma, iżda ma jdumux ma jsibu ruħhom xi ftit agħar.

*Cola.* U x-nistgħu nagħmlu? Aħna x-nafu nagħmlu? Fejn nibdgħu immorru nicsbu ix-xogħol?

*Ciccu-* Meta sibna bniedem li, bla ebda interess ta'xejn, ried jagħmel il petizzjoni, u jmur biha hu stess kuddiem il Gvernatur x-ridna aħjar? Iżda aħna il Maltin hecc tŭelidna u hecc immutu; l-eŭŭel ħafna ba-ba-ba u imbagħad meta naslu għal fatti,cullħadd idaŭŭar dembu u jparpar il barra.

*Cola.* Għandec raġun, iridu sa's-sodda mifruxa biex jorkdu, u jecc ma tcunx mifruxa, biex ma jkanklux idhom u jkegħdu liżar, jiccuntentaŭ li jorkdu fl-art. Il malti ma jridx igħin ruħu; irid biss li haddieħor jakbeż għalieh, jitħabat għalieh, u hu jokgħod jitgħażżen ipejjep b-idejh fuk żakku, u għalchemm ma jippretendix li talli takbeż għalieh għandec ittieh xi ħaġa x-jonfok f-il but ucoll...

*Ciccu.* Difett cbir iehor ta'l malti hu dan: li katt ma jħobb jinċoraġġixxi l'il pajżani tiegħu. Malli jigi strangier f-Malta, cullħadd idur ma dŭaru b'il folla, cullħadd jagħmillu il garanzija,f'il hin li jecc icun Malti bħalu u jitolbu l-ankas pjacir ichemmex u jċcu minnufih. Dana ma' ngħidux għal frustieri collha, għaliex certi frustieri merħba bihom, m'hux biss għaliex huma galantomi, iżda għaliex jafu jaħdmu u xi gid jagħmluhulna ucoll. Iżda din l-affari ta'l frustieri hemm bżonn li ŭieħed jieħu ħsiebha għaliex m'hux seŭŭa li meta f-pajjisna ma haŭnx ħobż biż-żejjed għalina għandom jigu jgħixu haŭn huma ucoll.

*Cola.* U għa'x tgħid hecc? Il ħtija ta'dana m' aħniex aħna stess? Il Gvern għamel il-Ligi li l-ebda frustier ma jista jokgħod f-Malta jecc ma jsibx garanti jeŭ ma jħallasx minn għaxra sa ħamsin lira. Min jagħmel garanzija l'il frustieri? min joħorgilom il flus? m'hux il maltin stess? Mela jecc Malta hi 'mfaŭŭra bil frustieri il ħtija ma hix ta'l Gvern iżda tal'Maltin bħalna stess, li għa'r-regħba ta' ftit liri ijekfu magħhom m'il l-aħjar li jistgħu.

*Ciccu.* Għandec raġun biex tbieħ. Tgħid il Maltin f-dan biss igħinu l'il frustieri? Ma tarax chemm il Malti ma jħobbx igħin l'il pajjisu u għalecc haŭn da'l ħafna għacs! Jecc il Malti jrid flixcun *pickles*, araħ jixtri malajr flixcun ta'l l-Inghilterra. Bħallichiecu biex tkatta ftit ħjar u basal u timlieħ fi flixcun bi ftit ħall trid xi għerf li il moħħ ta'l maltin ma jilħkux! U il basal u il hjar imorru minn Malta, il ħall imur minn Skallija, is-sufra ta't-tappijiet tmur minn Spanja, żeŭġ pajjisi girien tagħna, biex ŭara li jsiru ħafna spejjes ta'trasporti jerggħu jiġu Malta basta nimleŭ żakkna geŭ li mil-Inghjlterra. Il Malti li jgħix f ix-xtut ta'l Mediterran,jibgħat igib mi'l l-Inghilterra sa pacchett melħ għal borma!

*Cola.* U tgħid ix-xebbiet tagħna ma jafux iħitu kmis b'il macna bħal ma jafu jagħmlu ix-xebbiet ta' pajjisi oħra? Mela għala jecc nixtru kmis jeŭ għonk il ħjata tagħhom għandhom jiecluha il frustieri? Għala l'ix-xebbiet ħalli ma jgħallimhom iħejtu bħal ta' Barra biex jgħinu l'il familja xi sold barrani? Għala il Malti ma jroddx radda salib għal ŭiċċu u jara chif flusu jibda jonfokhom f-pajjisu u chif sold kliegħ jibda jkallgħu l'il pajzani tiegħu stess?

*Ciccu.* Għaliex għadu ma fehimx biż-żejjed il concorrenza ta'l frustier chemm kiegħda tagħmillu ħsara, u għaliex il Cunsilieri ma jħabblux ftit rashom biex joħolku xi ligijiet biex isiru dazji tkal fuk xi oggetti, ħalli 'ncunu nistgħu natu ir-ruħ l'il l-industriji ta'l pajjis u b'hecc ma ncunux

## Princep li sar patri.

Daŭna il granet fi'l Cunvent ta'd-Dumnicani ta' Vanloo, fl-Olanda, daħal patri il Princep Carlu Enricu ta' Lowenstein-Wertheim-Rosenberg, cap ta' ŭaħda m'il l-actar familji nobbli ta prinċpijiet li hemm f'il Germanja, u zijo ta'l Gran Duchissa ta'l Lussemburgu. Dana ipprofessa patri m'il l-eŭŭel billi il Papa iddispensah minn novizzjat. L'il dana 'l princep taŭh l-isem ta' Patri Rajmondu, u ma jcunx ma jibda jkaddes. M'it tliet aħŭa bniet li għandu, tnejn minnhom huma ġa sorijiet; u ŭaħda, il cbira, hi soru Benedettina u tinsab 'l-Ingħilterra f'il Gżira Wight u l'oħra hi soru Frangiscana u tinsab f'il Germanja, it-tielet ŭaħda hi miżżeŭġa ma 'l cugin tagħha, Dun Miguel de' Braganza.

# Il Mistoksija oħt il Għerf

**Chemm fih spirtu ix-xorb?** (C. S. Il Birgu)

Il birra seŭda 4.5 f'il mija; il birra bajda 7.4; il bordeaux 11.5; ix-xampanja 12.2; il claret 13.3; il malaga 17.3; ix-xeri 19.0; il vermut 19.0; il marsala 20.2; il madejra 21.0; il port-wine 23.2; il curacao 27.0; il mastica 33.0; il maraschino 34.0; ix-chartreus 43.0; il ġnibru 51.6; il brandi 53.4, ir-rum 53.7; l-Irish Whisky 53.9; u li Scotch Whisky 54.3.

**Chemm jisŭa il ħadid maħdum?** (V. L. Il Belt)

Biċċa ħadid li tisŭa lira jecc taħdimha ngħula ta'ż-żiemel iddaħħal tagħha żeŭġ liri; maħduma labar ta'l ħjata iggib 70 lira; maħduma xfafar ta'l-imŭies iggib 657 lira, u jecc taħdima molol ta'l arloġġi iggib 5000 lira.

**Chemm hemm flus f'id-dinja?** (S. M. Krendi)

Mulhall igħarrafna illi f'id-dinja hemm 2,137,000,000 lira sterlina;li minnhom 400,000,000 huma carta; 871,000,000 fidda u 866000000 deheb. M'il l-1830 sa'l-1880, ma'd-dinja collha deŭŭ 4230 tunullata fidda actar minn dac li katgħu m'ill minjeri. M'ill 1800 sa'l l-1870 id-deheb chien ikun ħmistax il darba u nofs actar mi'l fidda; m'ill l-1870 sa l-1880 chien sittax il darba u tilet qŭarti. Illum il ġurnata id-deheb ikun xi tletin darba actar m'il fidda.

Fl-1700 id-dinja chella 301,000,000 lira sterlina; fl-1800,568 000,000 u fl 1890, 2,400,000,000 lira.

**Chemm jiġru it-telegrammi?** (L. F. Il Belt)

Ġurnal ta'Copenhagen, belt capitali ta'd-Danimarca, ried icun jaf chemm jiġru it-telegrammi, għaldakstant bagħat żeŭġ telegrammi lilu in-nifsu, ŭaħda biex id-dur ma'd-dinja minn naħħa ta' Lvant u oħra biex iddur minn naħħa ta'l Punent. Dic li daret ma'd-dinja minn naħħa ta'Lvant regħet ŭaslet Copenhagen ŭara tliet sigħat u nofs.

**Liema hu il canun li juassal l-actar f'il bogħod?** (S. R. Il Belt)

Mr. Simpson ta'Londra għamel canun li għandu il forza li jŭassal balla li tiżen ma dŭar għaxar kuatar minn Londra sa Parigi, igifieri xi tilet mitt mil!

**Liema hu l-acbar arloġġ ta'd-dinja?** (P. C. Il Birgu)

Sa'l-lum l-acbar żeŭġ arloġġ ta'd-dinja chienn daŭc ta'Filadelfja, fl-America, u dac ta'Westminster, f-Londra. Il belt ta'Jersey sejra icollha arloġġ acbar minn daŭna li semmejna. Il minutiera tiegħu hi tŭila tmintax il pied u tliet pulzieri, u id-djametru ta'l ŭiċċ ta'dana l'arloġġ colossali jŭassal tmienja u għoxrin pied. B'collox icun jiżen xi sitt tunnellati.

**Chemm huma cbar il Colonji Ingliżi?** (P.S. Il Belt).

Il Colonji Ingliżi collha meħuda flimchien jagħmlu pajjis cbir xi tmenin darba actar mi'l l-Ingħilterra u l-Irlanda.

**L'il P. S.** (Il Belt).

Iva, meta ŭieħed joħrog ġurnal għal darba, tnejn, u minn ŭara li jcun daħħal il flus ta'l abbonament, ma joħrogx ħlief żeŭġ numri jeŭ tlieta, għandec id-dritt collu tagħmillu citazzjoni għal dac li jcun ħallec żejjed. Il cawża issir f'il Korti t-Isfel u trid spejjes żgħar biex tagħmilha. Jiena diga incaricat minn tlieta biex l'il dac il flien li semmejt nimxi contra tiegħu għal daŭc il flus ta'l abbonament li għal darbtejn daħħal, u ma reġġaħhomx lura. Iżda jecc nistgħu nigbru katta immorru aħjar.

**L'il Salvatore Baca** (Ħal Axiak).

It-Tabib Distrettŭali, meta min icun marid ma jcunx jista tassew joħroġ m'id-dar, hu obbligat scond ir-regolamenti li għandu, li jmur jarah id-dar GĦAL DARBA BISS. Jecc icun cas gravi jibagħtu l-Isptar. Jecc ma jcunx irid imur l-Isptar allura ma hux obbligat imur jarah iżjed jecc ma jħallsux barrani. Għal l-eŭuel darba li jmur jara il marid id-dar l-ispejjes ta'l carrozzin iħallas-hom il Gvern ucoll; għal visti l-oħra jrid iħallas il marid.

**L'il Oreste Valenzia** (Bormla):

Il mistoksija li għamiltli hi sabieħa ħafna; iżda imħabba f'il ŭisa 'nŭiegbec darb'oħra.

# AĦBARIJIET TA' MALTA.

F'il 15 ta' Ottubru li gej jasal haun il General t'ad-Dumnicani, il M. R. P. Domenico Reuser, u jirtira f'il Cunvent ta'S. Duminicu ta'l Belt.

Fl-24 ta'dan, Ġużeppa Zammit, ta' 18 il sena, bint Paŭlu li jokgħod fi Strada S. Pio V, Ta's-Sliema, xorbot il jodju mietet.

Il Culleġġ ta' S. Injazju ta'l Ġeżŭiti ta' S. Ġiljan xtraŭi Witham and Co. ta'Londra, b-9,500 lira.

Ġanni Conti, li għadda ġuri, nhar il Ħamis li għadda, bil gie gżat li spara għal Monsinjur Alf. Mifsud, il Bibliotecarju f'it 30 ta' Ġunju li ħareġ, gie liberat.

L-Imħallef chien l-Avucat Parnis, u id-difensur ta'Conti chien il bravu criminalista Enricu Mifsud, li għalchemm għadu żagħżuħ ħafna, diġà ta xhieda sabieħa ta'l ħila tiegħu bħala difensur, f'il ġuri, u nitma li il kuddiem għad icun ŭieħed m'il l-aħjar

Feliċ Formosa, ta 10 snin minn Ħaż-Żabbar, ŭakgħet stasija fuk riġlu, il Marsa, u chisritulu.

Nhar il Ħamis, f'il għaxija, fetaħ iċ-Cinematografu «Iperia» fi Strada Rjali, il Belt, fl-istess post fejn kabel chien hemm iċ-«Central». Il programm chien sabieħ uisk, u għalecc nixtiekulu ħafna kligħ.

2.

# IS-SAHHAR FALZUN

## RUMANZ MALTI ORIGINALI

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

—"Mer, ilix tant inghidlec li De Saqueville chien il ħtija ta'n-nichet taghna collu? Ilix tant inghidlec li dac bniedem karrieki u bla giegħ; li hu kiegħed juric li jħobboc biex itabba l-isem taghna hiss... hiss..." U x-ħin kal hecc rafa rasu b'il herra u b-idu ħachem il pum ta'x-xabla li chellu 'mdendla ma kaddu, b-mod li jbażża, u compla kal, b-leħen nofs miesur:—

—"U dac li għedtlec, dac collu li kalbi ħabbritni, chien collu minnu... Imma dac il chelb ta'Cavalier miegħi għandu jagħmilha-lu, jecc naf li x-naf, ma 'nsibx sabar kabel ma jgħaddi minn taħt idejja u jħallas il-laħam ta' collox"...

Tisgħu taħsbu Carmena x'ruħ baka fiha meta semgħet dana il cliem, meta rat l'il ħuha Ambroġ mitluf f-demmu hecc icreħ għal De Saqueville; rat il mewt fuk wiċċa, bdiet tirtogħod l'iggiblec ħniena, u li ma żammetx chemm felħet chienet tinstabat minn tulha fl-art.

Biex ma tħallix l'il Ambroġ jintebaħ b'it-tferfir tagħha, poggiet b'il kiegħda f-xiffer is-sodda u 'mbeżżgħa, 'mbeżżgħa staksiet l'il Ambroġ:—"X'-inhu li ġara?".

—"Ismagħni ftit," kalla Ambroġ, "ħalli tcun taf fejn kiegħidt kalbec, ħalli tcun taf li dic l-id li għal tant drabi chitbitlec li tħobboc, iċċappset b'id-demm t-ommoc u ta'huc Dun Matt ucoll.

Carmena x-ħin semgħet dana kamet bħal waħda miblulha fuk riġlejha, għajnejha riedu jakbżu il barra m'il ħofor tagħhom, sabgħajha iggrunċaw u ebiesu u bleħen icreħ kaltlu:—

— "Ambroġ, int toboghdu... iva..., dan fejn tafu?... chif tista tgħidu? Le, dan m'hux minnu."

—"Imsejcna vittma oħra ta'l ħruxija ta'dac il bniedem infami", kal b-leħen imħallaħ b'id-dmugħ, Ambroġ, x-ħin raha f'dic is-sura donnha tilfet moħħha għal collox.

—"Okgħod m'il gdid b'il kiegħda u stabar ftit biex tismagħni, u tcun taf mill ewwel jecc dac li għedtlec kluttux minn żniedjeu inhix sejjer ingħidu għax noboghdoc... Int taf li Malta hi mixgħula ħuġġiega waħda b'ix-xnieha li it-Toroc ma jdumux ma jaħbtu m'il gdid għal gżira; billi is-Sultan irid ipattu id-dakka ta'ħarta chiera li kala fl-Assedju il Cbir. Għalecc aħna il fizzjali ta'd-Dejma collha widdbuna biex ingħassu chemm nifilħu fuk il-għases tax-xtut biex iżommu ruħhom dejjem lesti biex jilkgħu il għadu m'il l-aħjar li jistgħu. Ilbieraħ ma'nżul ix-xemx, jiena, Gannicol u Ġużepp ta'Luka lebbitna iż-żwiemel lejn Selmun biex narau jecc il għases ta'dac it-Torri chienux k'ed jakdu dmirhom sewwa.

(Jissocta)

# IRAC.

"PRO INFANTIA". Dina is-Società kiegħda tagħmel ħafna gid billi tkassam duf ta' carti, mictubin b'il malti, fuk dac li l-ommijiet għandhom jagħmlu biex uliedhom ma jimirdux b'imsarinhom. Dawwakt dina is-Società sejra tkassam b-xi għaxar liri ħwejjeġ għa't-trabi biex ma jeħdux mard fi griżmejhom f'ix-xitwa. Il conferenzi li saru f'il Bliet u f'il campanja, għamlu gid bla tarf ucoll.

President ta' dina is-Società hu il Controllur, Sir R. Micallef; Vici-President il Professur Manchè u Segretarju: is-Sur A. Cesareo li kaukal dina l'opra sabieħa ta' carità.

Fuk dina is-Società għad nitchellem iżjed f'it-tul; u għad ingibilkom f'dina il gazzetta it-taħditiet li jagħmlu il Membri ta'l Cumitat tagħha għa't-tagħlim ta'l ommijiet.

J'Alla dina il għakda ta' nies ta'kalb tajba tirnexxi f'ix-xewkat sbieħ u nobbli tagħha.

IR-RISORGIMENTO, għalak da'l granet tnejn u tletin sena ħajja, u b-hecc hu l-actar wieħed kadim fost il gurnali ta'Malta. Beda joħrog fl-1876 taħt id-direzzjoni ta'Francesco Saverio De-Cesare, li f-dac iż-żmien chien "l-Iljun ta'l Ingilterra" u chien ibażża l'il cullhadd b'il chitba tiegħu, għaliex chien jiswa tassew. Warajh hadu huh, is-Sur Robert De Cesare, gurnalista li għandu ħila cbira f'il musica ucoll. Sena ilu għadda f'idejn it-Tabib Pietru Paul Agius B.A.,C.F. u mexa b'ir-rieh f'il kala gmielu.

L'il dana il gurnal nixtiekulu ħajja twila, twila u j'Alla dejjem jibka jaħdem b'il ħegga collha għa'l gid ta'dina il Gżira.

IS-SACERDOT DON ĠUŻEPP PSAILA CUMBO,—Dana iż-żagħżuh għaref u ta'l għakal, wasal ftit gmiegħi ilu minn Ruma fejn mar biex icompli l'is-studji tiegħu sewwa, u m'nejn giè 'mżejjen b'ħafna unuri wara li chien ha l-ewwel premju f'il Corsta't-Teologija fl'Università tagħna. Krajna li bi ħsiebu jati lezzjoni iet privati. Jiena il ħila ta'Dun Ġużepp nafa ħafna, u naf li hi cbira, għalecc min irid igħallem sewwa l-ulledu u jitlakhom f-idejh ma jagħmel xejn ħażin.

L'IL ĦBIEB TA'N-"NAHLA". Nirringrazzja b-kalbi collha l'il Curunell A. Sammut u l'il huh, it-tabib Robertu talli gew uieħidom sa l-officciu tiegħi biex jissieħbu; bħal ma giè ucoll il patrijotta ħabriechi u sincier, il Canoncu Panzavecchia biex ikawwili kalbi. L'il Curunell Manchè, u l'il ħauc collha li chitbuli ħafna ittri sbieħ biex jagħmluli il kalb nirringrazzjahom ħafna ucoll.

IS-SUR ĠORĠ BORG P. L. Dan iż-żagħżuh intelligenti ilu ħafna jaħdem b'il chitba għal pajjisu, u da'l granet ircieva ittra sabieħa ħafna minn għand Mr. Grayson, Membru ta'l Parlament Ingliż, fejn fiha wegħdu li għandu jakbeż għalina il Maltin. Is-Sur Borg ħakku tifħir għal dana il għamil tajjeb tiegħu.

IS-SUR FONS GALEA. Irċevejt l-aħhar ctieb li ħareġ ta't tant magħrufa u sabieħa "Mogħdija ta'ż-Żmien," li kiegħda tagħmel ħafna gid l'il poplu billi tqieh x-jakra stejjer mictubin tajjeb u li ma jagħmlulu l-ebda deni f-ruħu. Il ctieb jismu "Mastru Pepp, jew, X-jafu jagħmlu il Freres" u hu xogħol ta'l imfalfar chittieb b'il malti, il Prof: Dun Manwel Vassall, li hu wieħed minn dawc il ftit li jħobbu tassew l'il poplu u li ma'l ħafna taħbit u xogħol li għandom, isibu ucoll il ħin biex jaħdmu għalih u jictbulu biex igħallmuh u jmixxuh il kuddiem.

Dina id-damma ta'cotba b'il malti jiena ma nixba 'nfaħħarha u nirraccomandaha katt għaliex hi tassew waħda m'il ħwejjeġ li tant jinħtieġ il poplu u li tant jagħmlulu gid.

# BANED

Nhar it-Tnejn, 21 ta'Settembru 1908, uara il cuncert ta'l "Cavalleria",is-Surmast Aurelio Doncich ta'l Banda King's Own, ghamel discors l'il bandisti u bih, uara li kallhom li dic il-lejla chellu jhalli il Malta u jitlak provvisorjament id-direzzjoni ta'l Banda, jrringrazzja jilhom ta'l attenzjoni u ta'r-rispett li ureuh u ta'l unur li tauh meta dakkeu taht il bacchetta tieghu. Hu kallhom li jghożż l'imhabba taghhom u li ghandu lejhom l'istess imhabba; kallhom ucoll li dan Ir-rispett rah m'hux biss mi'l bandisti u mi'l Cumitat imma m'il pubblicu collu. Fl'-istess hin ippresentalom l'is-Surmast Mario Russo u kallom li fih isibu musicista bravu hafna u direttur m'il l-ahjar. Is-Sur Russo uiegeb gha'd-discors ta' Doncich u jrringrazzja lilu l'il President u l'il bandisti ta'l-unur li tauh b'id-direzzjoni ta'l banda hecc importanti. Tchellem fl-ahhar is-Sur Lanzon, il President u it-tliet discorsi geu applauditi ferm. Is-Surmast Mario Russu beda il cuncert ta'l Minuett ġdid, [musica ta' A.Doncich] f'it-23 ta'Settembru, u m'il l-euuel lejla uera l'il Comitat u l'il bandisti, chemm hu musicista gharef u direttur tajjeb b'mod li harġu uisk cuntenti. Mario Russo ghamel studji regolari f'il Culleġġ, hu violinista famus, ghandu certificati u diplomi ta'meritu, chien Direttur ta'l Orchestra ta'l Villa Bellini, u ta't-Teatru ta'Catanja. Nafu li is-Surmast Doncich jarġa jigi Malta m'il ġdid f'is-6 ta'Ottubru, u'l Banda "King's Own" iddokk taht id-direzzjoni tieghu geuua l-Argotti f'il 11 ta' Ottubru u il kliegh imur ghas-Società ta' S. Vicens di Paoli.

*

Nhar il Hadd m'it 3 il kuddiem uara nofs inhar, kejsu li cullhadd imur il Ġnien ta'l General (dhul m'il l-Argotti) biex tisimghu il programm famus li bi hsiebha jddokk l-imfahhra Banda "La Vallette" f'il "Festival" li sejra taghmel.

Biex tidhlu thallsu tliet soldi biss. Tonksux:

L'il Banda nixtiekila kliegh cbir.

★

Nhar il Hadd li gej fl-4 u nofs ta' uara nofs-inhar f'it-Teatru "Matteu Callus" ta' Rahal Ġdid, sejjer isir Matinèe ad unur ta'l imfahhra Banda "San Giorgio" ta'Bormla. Jigi jrrappresentat id-dram patriju "Michele Borg", xoghol originali ta'l intelligenti G. Micallef Goggi. Uara jssir ucoll farsa u Cafè Concert, u 'l Banda jd-dokk programm m'il l-isbah. Min imur jiehu gost sgur.

## XARADA.

—o—

*L-euuel* sib ghand is-sinjuri;  
Frotta *'t-tieni*; trid *l-intier* ?  
Fittxha ghand is-sagristani  
Gha'x habiba ta'l candlier.

Alf. Caruana (Sliema)

Ir-Risposti ghandhom jimbaghtu sa nhar l-Erbgha, f'il ghaxija, u min jinzerta il loghba basta jcun imsieheb jiehu ctieb ta'l Moghdija ta'ż-żmien premju.

Daŭc ir-risposti li jaslu ŭara il ġurnata li'ncunu ghedna ma jghoddux.

## TIFSIR TA'L-LOGHOB TA'L GIMGHA L-OHRA

1. XARADA:—U-liedna.

Fissruha tajjeb:—Gna. Ellul: Gno. Grixti (Gudja); Clo. M. De Sani; G. Spiteri ta'l Hamrun; G. B. Attard ta'l Imghieret; Ass: Grima; G. Psaila ta' Birchircara; G. Camilleri ta' Hal-Luka; Filippu Debono (Rabat); R. Spiteri (Excelsior Bar) ta' l'Isla; Patri Sebastjan, Capuccin; C. Mallia ta'r-Rahal Ġdid; Patri Spiridjun Portelli, M. C; Em. Azzopardi (Sliema); G. Spiteri (Hamrun) Fco: Cuschieri (L-Isla); is-Sinjurina Jessie Ellul (Bormla); G. Pace (Hamrun); G. Stellini (Il Belt);Sac. V. Vassallo; Edg. Mangion (Sliema); Ant. Ciappara (Rabato); F. Hass; O. Valenzia; C. Ciantar; N. Camilleri (Il Belt); u A. Vella (Hal-Luka).

X'INHU?—Testment.

Fissruh tajjeb: Ass: Grima: C. Ciantar; Fpo, Debono; Patri Sebastjan Capuccin; C. Mallia (Rahal Ġdid;) Alf.Caruana; C. M. De Sani; G. B. Attard (Imghieret); Edg. Mangion; Patri Spiridjun Portelli M. C; Ant. Ciappara (Rabat); Alf. Borg; Emm. Azzopardi (Sliema); Sinjurina Jessie Ellul; Sac. V. Vassallo; G. Pace (Hamrun) Gno. Grixti (Gudja) u N. Camilleri (Il Belt).

Risposti ghal premju TA'N-NOFS LIRA: Jos. Bugeja (Rabat) 615; M. Mifsud (Gudja), 393; Sinjura C. Caruana, 380; A. Vella (Bormla),341; G. B. Attard (Imghieret,)365;Alf. Caruana(Sliema) 320; Gno. Grixti (Gudja,) 514; Lzo. Cauchi (Il Belt,) 349; Ass. Grima (Bormla), 310; Alf. Borg (Il Belt), 425; Ad. Sammut (Hamrun), 376; Fco. Sultana (Hamrun), 552; C. Cassar (Bormla), 637 u A. Vella (Hal-Luka), 583.

Ir-risposti li ircevejt fuk "Liema hi l-isbah mara maltija?" nibda 'ngibhom is-Sibt li gej.

Mela cull min fisser tajjeb iż-żeuġ loghbiet ta's-Sibt li ghadda ghandu id-dritt ghal copja ta'l "Mahbub ta' Gesù" li intihielu malli tcun lesta l-istampa ta'S. Ġiuann f'Patmos. Cull min fisser ŭahda, chif avżajt a,ma ghandux dritt ghal premju, billi il premju jkum xelin u nofs.

## AVVIS.

GHANDI BŻONN TA' STAMPATUR TAJJEB BIEX JIEHU HSIEB TA'N-"NAHLA,,.

## L'il l-Imsiehbin.

NITLOBCOM TAGHDRUNI JECC KIEGHDIN TIRCIEVU L-EUUEL NUMRI FTIT TARD, BILLI KIEGHED INKASSAM FUK L-ELFEJN COPJA, IX-XOGHOL TA'L POSTA HU CBIR UISK.

IMHABBA F'IN-NUKKAS TA'L UISA CHELLI 'NHALLI GHAL NUMRI OHRA XI AHBARIJIET U ARTICOLI OHRA.

MIN NIŻŻEL ISMU F-XI SCHIEDA U GHAD MA JRCEVIEX IL GAZZETTA, IGHARRAFNI.

BILLI IT-TIPI HUMA ĠODDA FJAMANTI U IL CARTA HI LUSTRA,XI COPJI MA STAMPAUX ĊARI BIŻ ŻEJJED, GHALECC MIN INZERTATLU XI COPJA MINN DAŬN JIBGHATHA U NIBDILHIELU.

CULL MIN ISIBLI SITT IMSIEHBIN ĠODDA GHA'N "NAHLA" JIEHU COPJA TA'L "MAHBUB TA' GESU" LI TKUM XELIN U NOFS, B-XEJN. MIN IGHIDLI X-NISTA INŻID, IMBIDDEL JEU INNAKKAS F'IN-"NAHLA", BIEX TINTGHOĠOB AHJAR, JAGHMILLI PJACIR.

DAŬC COLLHA LI MA CHIENUX IMSIEHBIN U JRCEVEU TARD IL GAZZETTA NITLOBOM LI JAGHDRUNI BILLI MA STAITX INCUN NAF LI JRIDU JŻOMMUHA HLIEF UARA LI JMBAGHTU LURA TA'L-OHRAJN LI MA ŻAMMEUHIEX,

NITMA LI IN-NUMRU LI GEJ JOHROĠ SEŬŬA F' IL ĠURNATA TIEGHU,

A. Levanzin.

Ġużè Micallef ma jaghmilx tajjeb ghad-dejn li, minghajr il permess tieghu, jaghmel Walter Rizzo, siehbu f'il hanut, No, 102, Strada Marina, Via Misida, Gżira (Sliema).

Carlu Micallef ma jaghmilx tajjeb ghad-dejn t'-ibnu Ġużeppi li ghandu il Hanut fi Strada Marina Via Misida (Gżira-Sliema) jecc ma jcunx sar b'il permess tieghu.

Stamperija «Excelsior» 37, Strada San Giovanni, Il Belt.